Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 25 ta' Ottubru 2023**
**(OR. en)**

**14688/23**

**FIN 1095**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 24 ta' Ottubru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 683 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u obbligazzjonijiet kontinġenti (Sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2022) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 683 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 683 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.10.2023
COM(2023) 683 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**
**dwar strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u obbligazzjonijiet kontinġenti**
**Sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2022**

MT MT

# Werrej


**1. Introduzzjoni** ..... 2

**2. Analiżi tas-sorsi differenti tal-obbligazzjonijiet kontinġenti** ..... 4

**2.1 Garanziji baġitarji** ..... 4

**2.2 Selfiet proviżjonati għal assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi** ..... 6

**2,3 Self garantit b'marġni ta' manuvra lill-Istati Membri tal-UE** ..... 7

**2.4 Ħarsa ġenerali lejn l-obbligazzjonijiet kontinġenti fi tmiem l-2022** ..... 10

**3. Il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE** ..... 11

**3.1 Parametru referenzjarju** ..... 11

**3.2 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati** ..... 12

**3.3 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra** ..... 16

**4. Konklużjonijiet ..... Error! Bookmark not defined.**

**Anness:**

**Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji** ..... 22

**Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji** ..... 23

## 1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport jinħareġ skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 250 tar-Regolament Finanzjarju[1] u jenħtieġ jinqara flimkien ma':

- id-dokumenti ta' ħidma X u XI, li jakkumpanjaw l-abbozz tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2024[2] u li jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji tal-UE[3]; kif ukoll
- ir-rapport ta' previżjoni fit-tul dwar l-influssi u l-ħruġ futuri tal-baġit tal-UE, li jagħti projezzjonijiet għall-kapaċità finanzjarja disponibbli tal-UE fl-2024-2028 b'mod li jieħu f'kunsiderazzjoni l-kostijiet ippjanati tal-baġit[4].

L-objettiv ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ammont u l-kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti – kemm obbligazzjonijiet kontinġenti **proviżjonati** kif ukoll **garantiti b'marġni ta' manuvra**[5] - imġarrba mill-baġit tal-UE mill-31 ta' Diċembru 2022. L-obbligazzjonijiet kontinġenti huma obbligazzjonijiet finanzjarji potenzjali, li jirriżultaw minn impenji vinkolanti eżistenti jew minn avvenimenti tal-passat[6]. Jekk dawn l-obbligazzjonijiet kontinġenti jirriżultawx f'sejħiet reali, u d-daqs ta' kwalunkwe sejħa bħal din, se jiddependu fuq avvenimenti futuri li ma jistgħux jiġu mbassra *ex ante*.

Dan ir-rapport jippreżenta wkoll valutazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul tal-obbligazzjonijiet kontinġenti bbażata fuq fatturi kwalitattivi u kwantitattivi, inkluż simulazzjoni ta' kriżi. Din il-valutazzjoni ta' sostenibbiltà twettqet bi tqabbil ma':

- il-valur tas-suq tal-proviżjonijiet eżistenti miżmuma fil-kompartimenti rispettivi tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni (Common Provisioning Fund, CPF)[7] stabbilit mill-Kummissjoni għal **obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati**, jiġifieri dawk li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi;
- il-limiti massimi tar-riżorsi proprji u l-marġni ta' manuvra disponibbli għall-**obbligazzjonijiet kontinġenti li huma garantiti b'marġni ta' manuvra**, jiġifieri dawk li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja lill-Istati Membri.

Il-konklużjoni ewlenija tal-analiżi tas-sostenibbiltà ta' tmiem l-2022 hija li l-baġit tal-UE għandu riżorsi adegwati biex ilaħħaq mal-materjalizzazzjoni potenzjali tal-obbligazzjonijiet kontinġenti. F'aktar dettall:

---

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2 COM(2023) 300 tal-5.7.2023.

3 Id-dokument ta' ħidma X dwar l-użu magħmul minn strumenti finanzjarji, skont l-Artikolu 41(4) tar-Regolament Finanzjarju. Id-dokument ta' ħidma XI dwar l-implimentazzjoni tal-garanziji baġitarji, il-Fond ta' Proviżjonament Komuni u l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju.

4 COM(2023) 390 final tal-20.6.2023.

5 F'dan id-dokument it-terminu "proviżjonament" jintuża fit-tifsira tar-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari l-Artikolu 211 tiegħu. Ir-Regolament Finanzjarju jispjega li r-rata ta' proviżjonament jeħtieġ li tkopri t-telf nett mistenni flimkien ma' riżerva ta' sikurezza adegwata għal telf mhux mistenni. F'ċirkostanzi oħra t-terminu proviżjonament (eż. f'kuntest kontabilistiku) jista' jkollu tifsira differenti

6 Sors separat ta' obbligazzjonijiet kontinġenti huwa rappreżentat mir-"riskji legali". Dawn mhumiex koperti minn dan ir-rapport.

7 Għad-dettalji dwar is-CPF ara r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fond ta' proviżjonament komuni fl-2022 (COM(2023) 288 final tal-31.5.2023) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah (SWD(2023) 170 final).

- **Fi tmiem l-2022, il-baġit tal-UE kien espost għal obbligazzjonijiet kontinġenti li jammontaw għal aktar minn EUR 206 biljun (EUR 163 biljun fi tmiem l-2021) relatati ma' self mogħti lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi, u madwar EUR 106 biljun (EUR 60 biljun fi tmiem l-2021) relatati mal-garanziji baġitarji pprovduti fil-kuntest ta' InvestEU[8], il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)[9], il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (European Fund for Sustainable Development, EFSD)[10], l-EFSD+[11] u l-Mandat ta' Self Estern (External Lending Mandate, ELM)[12]. L-ammont totali ta' obbligazzjonijiet kontinġenti żdied b'madwar 40 % meta mqabbel mal-2021. Il-biċċa l-kbira ta' din iż-żieda ġejja minn żborżi ta' self addizzjonali lill-Istati Membri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF)[13] u mill-ewwel ammonti ta' garanzija ffirmati mas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni taħt InvestEU u EFSD+.**
- **Għal obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi, il-proviżjonament disponibbli fi tmiem l-2022 huwa adegwat meta jitqiesu r-rekwiżiti tal-oqfsa legali rispettivi.**
- **Għal obbligazzjonijiet kontinġenti li huma garantiti b'marġni ta' manuvra, il-kapaċità finanzjarja tal-UE taħt il-qafas legali eżistenti (jiġifieri d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji (DRP)[14] u r-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027[15]) hija bil-bosta biżżejjed biex tkopri l-obbligi eżistenti tal-UE fir-rigward kemm tal-programmi ta' nfiq kif ukoll tas-swieq finanzjarji (għal dejn maħruġ taħt programmi ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri), anki f'ċirkostanzi avversi estremi li jaffettwaw simultanjament it-tkabbir ekonomiku, in-nefqa u l-ħlas lura tas-self.**

Dan ir-rapport ikopri l-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrba qabel tmiem l-2022, u janalizza kif dawn huma koperti taħt il-QFP tas-snin 2021 sa 2027.

---

8 Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

9 Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

10 Ir-Regolament (EU) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Settembru 2017, li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

11 L-EFSD+ ġie stabbilit mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument, NDICI) – ir-Regolament dwar l-Ewropa Globali. Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

12 Ħarsa ġenerali lejn l-atti leġiżlattivi rilevanti u l-ftehimiet ta' garanzija korrispondenti bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment hija disponibbli fl-Adozzjoni Definittiva (UE, Euratom) 2021/417 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 (Taqsima III – il-Kummissjoni, Kummenti għall-Partita 14 20 03 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa "Garanzija għall-Azzjoni Esterna għall-NDICI, EINS, IPA III u MFA") (ĠU L 93, 17.3.2021, p. 959).

13 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

14 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

Il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskju li jirriżulta minn obbligazzjonijiet kontinġenti jitwettqu permezz ta' qafas orizzontali trażversali tal-Kummissjoni li jinkludi miżuri u salvagwardji estensivi li l-Kummissjoni tista' tuża biex tipproteġi l-baġit tal-UE minn telf potenzjali li jirriżulta minn obbligazzjonijiet kontinġenti[16].

Il-Kumitat ta' Tmexxija dwar l-Obbligazzjonijiet Kontinġenti (Steering Committee on Contingent Liabilities, SCCL)[17] għandu rwol ċentrali f'dak il-qafas għall-iskoperturi proviżjonati. Fl-2022, l-SCCL iltaqa' erba' darbiet biex ikompli jiżviluppa metodoloġiji komuni għat-tfassil, in-negozjar u l-implimentazzjoni ta' garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja. Ingħatat rilevanza partikolari għall-monitoraġġ mill-qrib tal-evoluzzjoni fil-volum u fil-profil tar-riskju tal-iskoperturi għall-Ukrajna u għat-tfassil ta' salvagwardji baġitarji adegwati biex ilaħħqu mat-telf potenzjali li joriġina minn dawk l-iskoperturi.

Għal raġunijiet ta' kompletezza, jenħtieġ li jissemma li **l-istrumenti finanzjarji** fil-forma ta' garanziji huma *stricto sensu* sors wkoll ta' obbligazzjonijiet kontinġenti. Madankollu, il-baġit dejjem jinkludi proviżjonament sħiħ għal tali strumenti finanzjarji, jiġifieri l-baġit warrab l-obbligazzjoni finanzjarja massima li tista' tirriżulta minn kull strument finanzjarju. Għalhekk, l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji mhumiex soġġetti għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti mġarrba mill-baġit tal-UE.

Informazzjoni aktar dettaljata dwar l-istrumenti finanzjarji tista' tinstab fid-dokument ta' ħidma X li jakkumpanja l-abbozz tal-baġit tal-2024 li jipprovdi deskrizzjoni dettaljata ta' 79 strument finanzjarju mill-31 ta' Diċembru 2022.

Dan ir-rapport jidentifika t-tliet kategoriji differenti ta' obbligazzjonijiet kontinġenti (garanziji baġitarji, self proviżjonat lil pajjiżi terzi, u self appoġġat mill-marġni ta' manuvra) qabel ma jipprovdi valutazzjoni tas-sostenibbiltà tagħhom kontra s-sorsi rilevanti ta' kopertura baġitarja.

## 2. Analiżi tas-sorsi differenti tal-obbligazzjonijiet kontinġenti

### 2.1 Garanziji baġitarji

Dawn huma garanziji pprovduti lil sħab differenti inkarigati mill-implimentazzjoni skont il-mandati tal-InvestEU, FEIS, EFSD, EFSD+ u tal-ELM. Taħt dawn l-istrumenti kollha, l-UE tipprovdi garanziji lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni biex ikopru sehem mit-telf u kostijiet potenzjali[18] li jirriżulta mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tagħhom (jiġifieri operazzjonijiet ta' dejn jew ekwità).

Fl-2022, l-UE pprovdiet appoġġ baġitarju fil-forma ta' garanziji lill-Grupp tal-BEI u lil istituzzjonijiet finanzjarji oħra (inklużi l-BERŻ u l-Banek Promozzjonali Nazzjonali) taħt il-programmi ta' garanzija eżistenti differenti.

L-eqdem garanzija baġitarja hija dik ipprovduta taħt l-**ELM.** L-għan bażiku tiegħu huwa li jsaħħaħ il-kapaċità tal-BEI li jwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament f'ambjenti aktar riskjużi barra mill-UE f'oqsma bħall-iżvilupp tas-settur privat lokali u l-iżvilupp tal-

[16] Ara l-paragrafi 3.2 u 4.2 tar-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji, l-assistenza finanzjarja u l-obbligazzjonijiet kontinġenti - is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020 (COM(2021) 676 final finali tal-5.11.2021).

[17] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24.7.2020 dwar it-twaqqif tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar ir-Responsabbiltajiet Kontinġenti li jirriżultaw minn Garanziji Baġitarji (COM(2020) 5154 final). Dan ir-rapport fih ukoll l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 7 ta' dik id-Deċiżjoni. Fl-2022, din id-deċiżjoni ġiet emendata sabiex l-Uffiċjal Kap tar-Riskji jsir membru sħiħ tal-kumitat ta' tmexxija.

[18] F'xi każijiet, il-garanzija tista' tkopri wkoll partiti addizzjonali bħal kostijiet ta' finanzjament u tariffi oħra.

infrastruttura soċjoekonomika. Fl-2015, tnieda **l-FEIS** biex jirrimedja għall-problema ta' investimenti privati mrażżna fit-tul fl-UE wara l-kriżi finanzjarja. Dan jieħu l-forma ta' garanzija baġitarja ta' EUR 26 biljun mill-baġit tal-UE lill-Grupp tal-BEI, li hija ssupplimentata minn allokazzjoni tar-riżorsi proprji tal-BEI ta' EUR 7,5 biljun. Fl-2020, ġiet stabbilita l-garanzija tal-**EFSD** biex tappoġġa l-investimenti u ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament primarjament fl-Afrika u fil-pajjiżi tal-viċinat u biex tgħin lil dawk il-pajjiżi jilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Taħt il-QFP 2021-2027, il-programm **InvestEU** jikkombina l-attivitajiet li qabel twettqu taħt il-FEIS u diversi strumenti finanzjarji oħra. Dan ipprovda wkoll lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni apparti mill-Grupp tal-BEI b'aċċess għal porzjon ta' 25 % tal-garanzija totali tal-UE. Il-programm InvestEU għandu l-għan li jiżgura spinta addizzjonali għall-investimenti li jrawmu l-irkupru, ir-reżiljenza, it-tkabbir ekoloġiku u l-impjiegi fl-UE matul il-perjodu 2021-2027. Dan l-għan għandu jintlaħaq billi jiġu mobilizzati sorsi ta' finanzjament pubbliċi u privati, sabiex jiġu pprovduti finanzjament u appoġġ fit-tul lill-kumpaniji u proġetti f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest ekonomiku u soċjali attwali diffiċli. Filwaqt li jibni fuq l-implimentazzjoni b'suċċess tal-ELM u tal-EFSD, **l-EFSD+** ġie stabbilit għall-perjodu tal-QFP 2021-2027 bħala pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità ta' finanzjament lill-Afrika sub-Saħarjana, lill-Asja u lill-Paċifiku, lill-Amerka Latina u lill-Karibew u lill-pajjiżi tal-viċinat u tat-tkabbir f'oqsma bħat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjoekonomiċi; it-tkabbir sostenibbli u inkluživ; adattament u mitigazzjoni tal-bidla fil-klima; il-ħarsien u l-ġestjoni tal-ambjent; u l-ħolqien tal-impjiegi.

**Tabella 1: Is-sitwazzjoni attwali tal-garanziji baġitarji (fil-31 ta' Diċembru 2022) (f'miljuni ta' EUR)**

| | Garanzija disponibbli ffirmata mal-kontropartijiet | Garanzija disponibbli relatata ma' operazzjonijiet iffirmati mill-kontropartijiet | Garanzija disponibbli relatata ma' operazzjonijiet iffirmati mill-kontropartijiet u żborżati |
|---|---|---|---|
| FEIS | 25 793,34 | 24 615,20 | 21 083,72 |
| EFSD | 1 176,02 | 534,00 | 446,13 |
| ELM | 30 598,89 | 30 598,89 | 20 908,78 |
| InvestEU | 21 280,36 | 2 107,69 | 324,25 |
| EFSD+ | 27 020,00 | 4 515,09 | 156,20 |
| **Totali** | **105 868,61** | **62 370,87** | **42 919,08** |

*(*) Il-garanzija ffirmata mal-kontropartijiet tirrappreżenta l-ammont tal-garanzija mogħtija lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni permezz tal-iffirmar tal-ftehim ta' garanzija. Il-garanzija relatata ma' operazzjonijiet iffirmati mill-kontropartijiet tinkludi ammonti tal-garanzija fl-operazzjonijiet kollha ffirmati mill-kontropartijiet mar-riċevituri finali / l-intermedjarji finanzjarji. Il-garanzija relatata mal-operazzjonijiet iffirmati u żborżati tinkludi l-ammonti ta' operazzjonijiet żborżati mill-kontroparti lir-riċevitur finali / lill-intermedjarji finanzjarji.*

Il-ħames programmi ta' garanzija baġitarja jvarjaw fir-rigward ta' diversi karatteristiċi, inkluż l-istadju differenti ta' implimentazzjoni. Filwaqt li l-ELM (li daħal fis-seħħ fl-1977) għandu rekord twil u l-perjodu ta' kostituzzjoni tal-FEIS intemm fl-2022, il-fażi ta' investiment ta' InvestEU u tal-EFSD+ bdiet biss reċentement.

## 2.2 Selfiet proviżjonati għal assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi

L-obbligazzjonijiet kontinġenti taħt din l-intestatura jirriżultaw minn assistenza finanzjarja pprovduta fil-forma ta' self tal-programm ta' assistenza makrofinanzjarja (macro-financial assistance, MFA)[19] u selfiet tal-Euratom lil pajjiżi terzi[20].

L-appoġġ finanzjarju lil pajjiżi terzi fl-għamla ta' self bilaterali mill-UE (u ffinanzjat spalla ma' spalla mis-swieq kapitali, sal-programm tal-AMF+ għall-Ukrajna) ngħata primarjament fil-kuntest tal-**programm ta' assistenza makrofinanzjarja**, li huwa mmirat lejn pajjiżi barra mill-UE li jkunu qed jesperjenzaw kriżi tal-bilanċ tal-pagament. Fl-2022, ġie żborżat self ġdid tal-AMF għal ammont ta' EUR 7 535 miljun[21].

Porzjon iżgħar ta' appoġġ finanzjarju lil pajjiżi terzi jieħu l-forma ta' self tal-Euratom. **Il-faċilità ta' self tal-Euratom**[22] tgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw investimenti f'impjanti tal-enerġija nukleari u f'installazzjonijiet industrijali fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari.

**Tabella 2: Ammonti pendenti fir-rigward ta' self lil pajjiżi terzi (fil-31 ta' Diċembru 2022) (EUR miljun)**

| | Self pendenti | Imgħax dovut | Totali |
|---|---|---|---|
| AMF | 14 963,00 | 70,85 | **15 033,85** |
| Il-Euratom | 300,00 | 0,47 | **300,47** |
| **Totali** | **15 263,00** | **71,32** | **15 334,32** |

Tradizzjonalment, is-self lil pajjiżi terzi ġie ffinanzjat permezz ta' operazzjonijiet ta' teħid b'self "spalla ma' spalla", jiġifieri kull self jiġi ffinanzjat b'bond korrispondenti tal-UE li jaqbel kompletament mas-self tal-UE f'termini tal-maturità, ir-rata tal-imgħax u l-iskeda ta' ħlas lura tiegħu. Dan ifisser li l-investituri f'bonds tal-UE huma esposti biss għar-riskju ta' kreditu tal-UE u mhux għar-riskju ta' kreditu ta' kull pajjiż benefiċjarju uniku. L-obbligazzjoni għall-UE hija kontinġenti, minħabba li l-pajjiż benefiċjarju huwa obbligat kuntrattwalment li jipprovdi l-fluss tad-dħul biex iħallas lura l-bonds tal-UE. Fil-prinċipju ma huwa meħtieġ l-ebda ħruġ ta' riżorsi tal-UE biex jiġi saldat id-dejn tal-UE.

L-ammonti ta' ripagament irrapportati fit-Tabella 3 għandhom għalhekk jitqiesu bħala l-ammonti massimi previsti li jistgħu jiġu eżerċitati kontra l-provvedimenti fis-snin 2023-2027.

[19] Il-bażi legali għall-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi mhux tal-UE għajr pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp hija l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 213 tat-TFUE jista' jintuża bħala bażi legali meta pajjiż terz ikun jirrikjedi assistenza finanzjarja urġenti.

[20] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/179/Euratom tal-21 ta' Marzu 1994 li temenda d-Deċiżjoni 77/270/Euratom sabiex tawtorizza l-Kummissjoni li tikkuntratta tislif għal Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-iffinanzjar rikjest sabiex jittejjeb il-grad ta' sigurtà u effiċjenza ta' power stations nukleari f'ċerti pajjiżi li mhumiex membri (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41).

[21] Dan jinkludi wkoll (A) l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 35 miljun ta' self ġdid tal-AMF ta' EUR 120 miljun mogħti lill-Moldova fl-2022, u (B) it-tieni pagament parzjali tal-AMF għall-COVID-19 lit-Tuneżija ta' EUR 300 miljun. Għal aktar dettalji, inkluż l-ammont pendenti għal kull benefiċjarju individwali, ara r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2022 COM(2023) 409 final tal-11.7.2023 u l-SWD (2023) 244 final tal-11.7.2023 li jakkumpanjah.

[22] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9) kif emendata u supplimentata.

**Tabella 3: Skeda ta' pagament mill-ġdid annwali ta' self pendenti lil pajjiżi terzi (kapital + imgħax) taħt il-programmi eżistenti għas-snin 2023-2027 (fil-31 ta' Diċembru 2022) (EUR miljun)**

| Sena | Il-Euratom | AMF | Kollox programmi |
|---|---|---|---|
| **2023** | 0,82 | 234,04 | **234,86** |
| **2024** | 0,82 | 863,55 | **864,37** |
| **2025** | 0,82 | 251,34 | **252,16** |
| **2026** | 0,82 | 368,18 | **369,00** |
| **2027** | 50,82 | 400,58 | **451,40** |
| **Totali** | **54,10** | **2 117,69** | **2 171,79** |

## 2,3 Self garantit b'marġni ta' manuvra lill-Istati Membri tal-UE

L-obbligazzjonijiet kontinġenti taħt din l-intestatura jirriżultaw minn self l**ill-Istati Membri tal-UE** (jiġifieri self tal-Bilanċ tal-Pagamenti (Balance of Payments, BoP)[23], self tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (European Financial Stabilisation Mechanism, EFSM)[24], self tal-Euratom[25], self taħt SURE[26] u self taħt l-RRF li huma pprovduti biex jappoġġaw l-investiment u r-riforma).

L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self lill-Istati Membri tal-UE mhumiex proviżjonati *ex ante*. Minflok, huma appoġġati mill-ambitu rimanenti ("marġni ta' manuvra") għas-sejħa ta' "riżorsi proprji" addizzjonali mill-Istati Membri skont il-qafas baġitarju tal-Unjoni.

Dan ifisser li, jekk Stat Membru benefiċjarju ma jonorax l-obbligi tiegħu lejn l-UE, l-UE tkun intitolata – bħala l-aħħar alternattiva u biss wara li tkun eżawriet il-possibbiltajiet l-oħra kollha biex issib soluzzjonijiet fi ħdan il-qafas baġitarju eżistenti – li titlob lill-Istati Membri biex ikopru temporanjament l-ammont inkwistjoni. Dawn is-sejħiet għal dħul isiru lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, iżda fir-rispett sħiħ tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji.

Bħala regola ġenerali, dan is-self – bl-eċċezzjoni tas-self tal-RRF – ingħata lill-Istati Membri tal-UE bl-użu tal-istess teknika spalla ma' spalla li ntużat għall-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi. B'kuntrast ma' dan, is-self taħt l-RRF ġie ffinanzjat mill-bidu permezz tal-Istrateġija ta' Finanzjament Diversifikata (Diversified Funding Strategy, DFS)[27].

---

23 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagamenti tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

24 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1). Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1360 tal-4 ta' Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 210, 7.8.2015, p. 1).

25 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9) kif emendata u supplimentata.

26 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1)

27 Skont l-NGEU, il-Kummissjoni tissellef ukoll fis-swieq biex tiffinanzja appoġġ mhux ripagabbli (inklużi l-għotjiet tal-RRF). Il-pagament mill-ġdid ta' dawn l-operazzjonijiet ta' teħid b'self huwa kopert permezz tal-approprjazzjonijiet tal-baġits annwali futuri, fi ħdan il-limiti massimi tal-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali, u b'hekk fil-prinċipju ma jikkostitwixxix obbligazzjoni kontinġenti għall-UE. Madankollu, l-attivitajiet ta'

Fl-2022, il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-UE, operat ħames programmi ewlenin li taħthom tat self lill-Istati Membri:

- L-assistenza tal-**Bilanċ tal-Pagamenti (BoP)** kienet maħluqa biex tgħin lill-pajjiżi tal-UE barra miż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew li jkunu f'riskju li jesperjenzaw diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti.
- **Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja** (European Financial Stabilisation Mechanism, **EFSM**) inħoloq biex jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri tal-UE li jesperjenzaw jew ikunu mhedda minn diffikultajiet finanzjarji serji kkawżati minn okkorrenzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom.
- Il-**Faċilità ta' Self tal-Euratom**.
- Il-programm **SURE** ġie miftiehem f'Ġunju 2020 biex jgħin fil-finanzjament ta' żidiet f'daqqa u severi tan-nefqa pubblika nazzjonali li tkun relatata ma' skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19. L-Istati Membri kollha qablu li jipprovdu garanziji irrevokabbli, mhux kundizzjonali u fuq talba għal 25 % tal-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja[28]. Kull Stat Membru jikkontribwixxi għall-ammont kumplessiv tal-garanzija b'mod li huwa proporzjonat għas-sehem relattiv tiegħu fl-introjtu nazzjonali gross totali tal-UE (abbażi tal-baġit tal-UE għall-2020).
- L-**RRF** huwa l-pilastru ċentrali tal-programm NGEU[29] u huwa strument temporanju biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fl-Istati Membri tal-UE bl-għan aħħari li jiffaċilita l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jgħin fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

  Skont l-istrument tal-UE għall-irkupru, il-Kummissjoni tissellef fondi li l-RRF imbagħad tuża sabiex tiffinanzja r-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri. Il-finanzjament jista' jkun jew self (appoġġ ripagabbli) jew għotja (appoġġ mhux ripagabbli). Sabiex jibbenefikaw mill-appoġġ, l-Istati Membri ssottomettew pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni. Kull pjan jistabbilixxi r-riformi u l-investimenti, filwaqt li jistabbilixxi stadji importanti u miri ċari għall-implimentazzjoni tagħhom sal-31 ta' Awwissu 2026. Kull pjan irid jiġi vvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni u approvat mill-Kunsill.

  Is-self mill-RRF biss (għall-kuntrarju tal-għotjiet tal-RRF) jagħti lok għal obbligazzjonijiet kontinġenti u għalhekk is-self tal-RRF biss jitqies f'din l-analiżi. Huwa importanti li jiġi enfasizzat, kif imsemmi hawn fuq, li l-finanzjament tas-self tal-RRF huwa ffinanzjat permezz ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata u mhux permezz tal-approċċ spalla ma' spalla tradizzjonali. Is-self kollu tal-NGEU, li jammonta għal EUR 188 biljun fi tmiem l-2022, huwa ggarantit mill-baġit tal-UE skont l-Artikolu 9(4) tad-DRP permezz ta' żieda temporanja tal-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji ta' 0,6 % tal-ING tal-UE, li huwa esklużivament disponibbli għall-obbligazzjonijiet tal-NGEU.

teħid b'self (jiġifieri biex jiġi ffinanzjat self mill-RRF) tal-NGEU jagħtu lok għal obbligazzjonijiet kontinġenti ġodda u huma indirizzati f'dan ir-rapport.

[28] Minbarra l-garanzija pprovduta mill-Istati Membri kollha, fir-Regolament SURE hemm għadd ta' salvagwardji previsti biex jiġi mmitigat ir-riskju derivat mill-obbligazzjonijiet kontinġenti ta' SURE. Dawn jinkludu limitu ta' konċentrazzjoni ta' 60 % tal-ammont massimu mogħti taħt SURE fuq it-tliet l-akbar selfiet, skopertura annwali massima ta' 10 % (jiġifieri l-pagamenti dovuti kull sena ma għandhomx jaqbżu EUR 10 biljun), u l-possibbiltà li, jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tirriporta t-teħid b'self tagħha.

[29] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

**Tabella 4: Ammonti pendenti fir-rigward ta' self lill-Istati Membri tal-UE (fil-31 ta' Diċembru 2022) (EUR miljun)**

| | **Self pendenti** | **Imgħax dovut** | **Totali** |
|---|---|---|---|
| BoP | 200,00 | 1,15 | 201,15 |
| Il-Euratom | 26,30 | 0,07 | 26,37 |
| L-EFSM | 46 300,00 | 415,49 | 46 715,49 |
| SURE | 98 355,00 | 104,02 | 98 459,02 |
| Self mill-RRF | 45 156,37 | 183,80 | 45 340,17 |
| **Totali** | **190 037,67** | **704,53** | **190 742,2** |

Kejl tar-riskju annwali totali għall-baġit tal-UE li jirriżulta mill-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja lill-Istati Membri huwa l-ammont totali ta' ripagamenti annwali tal-kapital u tal-imgħax dovuti mill-Istati Membri benefiċjarji taħt il-programmi differenti f'sena partikolari. Fil-każ ta' self spalla ma' spalla, il-flussi tar-ripagament jikkoinċidu fl-ammonti u l-ħin mal-pagamenti dovuti lill-investituri f'bonds tal-UE maħruġa biex jiffinanzjaw is-self lill-Istati Membri. Għas-self skont l-RRF, iffinanzjat mill-istrateġija ta' finanzjament diversifikata, il-finanzjament ċentrali kollettiv jista' dejjem jissodisfa l-pagamenti dovuti lill-investituri tal-Bonds tal-UE.

Il-baġit tal-Unjoni identifika riżorsi baġitarji biex jissodisfa l-pagamenti li jirriżultaw mill-bonds tiegħu fi kwalunkwe ħin inkluż fis-sitwazzjoni estrema u bla preċedent li fiha benefiċjarju jonqos milli jħallas is-self tiegħu lill-UE.

**Tabella 5: L-iskeda ta' ripagament annwali ta' self pendenti lill-Istati Membri tal-UE (kapital + imgħax) skont il-programmi eżistenti għas-snin 2023-2027 (fil-31 ta' Diċembru 2022) (EUR miljun)**

| **Year** | **Euratom** | **BoP** | **EFSM** | **SURE** | **RRF loans (*)** | **All programmes** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2023** | 13.83 | 5.75 | 4 239.25 | 326.56 | 516.11 | **5 101.49** |
| **2024** | 13.50 | 5.75 | 3 317.38 | 326.98 | 552.62 | **4 216.23** |
| **2025** | 0 | 205.75 | 3 068.63 | 8 326.98 | 552.78 | **12 154.14** |
| **2026** | 0 | 0 | 6 856.63 | 8 326.98 | 552.78 | **15 736.39** |
| **2027** | 0 | 0 | 3 531.13 | 326.98 | 552.78 | **4 410.89** |
| **Total** | **27.32** | **217.25** | **21 013.02** | **17 634.48** | **2 727.07** | **41 619.14** |

(*) L-interessi għal self mill-RRF skont il-programm NGEU huma kkalkulati fuq bażi kontinwa skont metodoloġija speċifika (ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2022) 9701 final tad-19.12.2022). L-imposta annwali tal-imgħax għal dan is-self ippreżentat hawn fuq hija għalhekk stima bbażata fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament attwali.

L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-programm "Assistenza Makrofinanzjarja +" (MFA +) għall-Ukrajna[30] adottat f'Diċembru 2022, u fejn sa issa ġew ipprovduti EUR 15 biljun f'self fl-2023, lanqas ma huma proviżjonati bħala self tradizzjonali tal-AMF. Dan huwa l-uniku programm ta' assistenza finanzjarja lil pajjiż terz li għalih l-ammonti mislufa huma appoġġati b'marġni ta' manuvra baġitarja tal-Unjoni.

Meta wieħed iħares lil hinn mill-2027, filwaqt li jitqies is-self pendenti kollu fi tmiem l-2022, fil-perjodu 2028-2053 ir-ripagamenti annwali (kapital + imgħax) fir-rigward ta' self appoġġat bil-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji jammontaw għal medja ta' EUR 4,6 biljun. Ir-ripagamenti annwali medji (kapital + imgħax) għas-self tal-RRF, appoġġati bil-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji, jammontaw għal EUR 2,1 biljun matul l-istess perjodu.

## 2.4 Ħarsa ġenerali lejn l-obbligazzjonijiet kontinġenti fi tmiem l-2022

Fi tmiem l-2022, il-baġit tal-UE kien espost għal obbligazzjonijiet kontinġenti totali għal ammont totali ta' **EUR 312 biljun** (aktar minn EUR 206 biljun relatati ma' self mogħti lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi, u EUR 106 biljun relatati ma' garanziji pprovduti fil-kuntest tal-InvestEU, il-FEIS, l-EFSD, l-EFSD+ u l-ELM). L-akbar skopertura għall-baġit tal-UE oriġinat minn programmi ta' assistenza finanzjarja mmirati lejn l-Istati Membri.

**Illustrazzjoni 1: Tqassim tal-obbligazzjonijiet kontinġenti skont is-sors kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2022**




(*) Abbażi tal-ammont totali ta' "garanzija disponibbli ffirmata mal-kontropartijiet" (ara t-Tabella 1).

L-importanza dejjem tikber tal-garanziji baġitarji u tal-programmi ta' assistenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE hija murija miż-żieda sostanzjali ta' 40 % fl-ammont totali ta' obbligazzjonijiet kontinġenti bejn tmiem is-sena tal-2021 u tmiem is-sena

[30] Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1-14). Aktar dettalji dwar l-AMF + jinsabu fil-Kaxxa 1.

tal-2022. L-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi kważi rduppjat (+ 96 %), primarjament minħabba l-isforzi straordinarji biex l-Ukrajna tiġi appoġġata finanzjarjament.

L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-programmi ta' garanzija baġitarja żdiedu wkoll b'mod sostanzjali (+ 75 %) minħabba l-bidu tal-fażi ta' implimentazzjoni għal InvestEU u EFSD+. Ġiet irreġistrata wkoll żieda moderata għas-self lill-Istati Membri (+ 23 %), b'mod partikolari minħabba żborżi ta' self addizzjonali skont l-RRF.

**Illustrazzjoni 2: Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti skont is-sors fi tmiem l-2021 u l-2022 (f'biljuni ta' EUR)**




L-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE huma mistennija li jiżdiedu aktar sa tmiem l-2023 fir-rigward tal-appoġġ addizzjonali lil pajjiżi terzi, l-iżborż addizzjonali tas-self mill-RRF u l-progress ulterjuri fl-implimentazzjoni ta' InvestEU u tal-EFSD+.

## 3. Il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE

### 3.1 Parametru referenzjarju

Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-proviżjonament ta' ċerti obbligazzjonijiet finanzjarji tul il-ħajja kollha tagħhom li hija meħtieġa meta jiġġarrbu l-obbligazzjonijiet, l-Artikolu 210(3) tar-Regolament Finanzjarju jistipula li "l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-garanziji baġitarji jew mill-assistenza finanzjarja mġarrba mill-baġit għandhom jitqiesu bħala sostenibbli, jekk l-evoluzzjoni pluriennali prevista tagħhom hija kompatibbli mal-limiti ffissati mir-regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312(2) TFUE u l-limitu massimu fuq approprjazzjonijiet ta' pagament annwali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad- Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom." (jiġifieri l-limiti massimi tal-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji).

Dan ifisser li r-riżorsi li l-UE tista' tuża f'sena waħda taħt il-QFP attwali (limitu massimu tar-riżorsi proprji) għandhom ikunu biżżejjed biex jiffinanzjaw l-infiq li jirriżulta taħt il-QFP kif ukoll kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti li tista' timmaterjalizza.

B'mod partikolari, il-pagamenti relatati ma' **obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati** għal garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi jridu jiġu ffinanzjati mid-dispożizzjonijiet stabbiliti u kwalunkwe pagament ulterjuri previst taħt il-QFP. It-Taqsima 3.2 ta' dan ir-rapport tippreżenta l-valutazzjoni tal-adegwatezza tad-dispożizzjonijiet disponibbli biex jiġu ssodisfati l-pagamenti mistennija u mhux mistennija li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi għall-obbligazzjonijiet kif kienu fi tmiem l-2022.

Il-pagamenti relatati mal-materjalizzazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn **assistenza finanzjarja garantita b'marġni ta' manuvra** lill-Istati Membri tal-UE[31] jistgħu jiġu ffinanzjati billi jintalbu riżorsi proprji addizzjonali sal-limitu massimu stabbilit mid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Id-differenza bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u r-riżorsi proprji meħtieġa għall-finanzjament tal-baġit tal-UE (magħruf bħala l-"marġni ta' manuvra") tirrappreżenta l-kapaċità finanzjarja tal-UE li tkopri flussi ta' ħruġ addizzjonali relatati mal-materjalizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja garantita b'marġni ta' manuvra lill-Istati Membri tal-UE. Il-qafas ta' valutazzjoni għal dan is-sett ta' obbligazzjonijiet kontinġenti ġie deskritt fid-dettall fir-rapport tal-2021[32]. Ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra eżistenti fi tmiem l-2022 huma ppreżentati fit-Taqsima 3.3 hawn taħt. Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-2020 iżżid temporanjament il-limitu massimu tar-riżorsi proprji sabiex tkopri l-obbligazzjonijiet imġarrba matul l-implimentazzjoni ta' NGEU, inklużi obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra li jirriżultaw minn self mill-RRF lill-Istati Membri.

## 3.2 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati

*(a) Proviżjonament disponibbli fi tmiem l-2022*

L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi huma proviżjonati fil-baġit tal-UE abbażi ta' valutazzjoni konservattiva tat-telf mistenni għal kull strument flimkien ma' bafer ta' sikurezza addizzjonali (biex ikopri porzjon tat-telf mhux mistenni). Id-dispożizzjonijiet li jipproteġu l-baġit tal-UE kontra telf li jista' jirriżulta minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi jinżammu fis-CPF. Fil-31 ta' Diċembru 2022, is-CPF kien magħmul minn 14-il kompartiment, inklużi dawk għall-programmi ta' garanzija kollha pendenti, dak għas-self storiku tal-ELM, tal-Euratom u tal-AMF (l-eks Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni jew GFEA), u dawk għas-self tal-AMF u tal-Euratom ta' wara l-2020.

B'mod partikolari, is-self tal-AMF u tal-Euratom huwa appoġġat minn kompartimenti differenti tas-CPF:

- l-iskoperturi ta' legat (EUR 7,7 biljun ta' self tal-AMF u EUR 300 miljun ta' self tal-Euratom) huma appoġġati mill-kompartiment tal-GFEA;
- is-self il-ġdid tal-AMF (EUR 1,2 biljun) impenjat fl-2022 huwa kopert mill-kompartiment tal-AMF ta' wara l-2020[33];
- is-self eċċezzjonali tal-AMF lill-Ukrajna ta' EUR 6 biljun (AMF I[34] u AMF II[35] eċċezzjonali) jinsab f'kompartiment separat maħluq ġdid minħabba l-istruttura speċjali tiegħu għall-kondiviżjoni tar-riskji. *Pro memoria*, għal dan il-pakkett eċċezzjonali ta'

[31] U, mill-adozzjoni tal-istrument tal-AMF+, l-assistenza finanzjarja pprovduta lill-Ukrajna fl-2023 taħt dan l-istrument.

[32] COM(2021) 676 final tal-5.11.2021.

[33] Dawn jinkludu l-ewwel żborż (EUR 35 miljun) f'Lulju 2022 tal-AMF lill-Moldova adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fis-6.4.2022.

[34] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1–7).

[35] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (ĠU L 245, 22.9.2022, p. 1-13).

self tal-AMF lill-Ukrajna, hija prevista rata ta' kopertura ta' 70 %: 9 % fil-forma ta' proviżjonament imħallas mill-baġit tal-UE u 61 % fil-forma ta' garanziji eżerċitabbli fuq it-tieni telf mill-Istati Membri (ara l-Kaxxa 1 hawn taħt).

Fil-31 ta' Diċembru 2022, il-valur tas-suq tal-assijiet netti fis-CPF kien jammonta għal EUR 14,39 biljun, meta mqabbel ma' EUR 12,31 biljun fil-31 ta' Diċembru 2021[36]. Għas-snin rimanenti ta' dan il-QFP, il-Kummissjoni diġà assenjat aktar dispożizzjonijiet lis-CPF (b'mod partikolari dispożizzjonijiet relatati ma' InvestEU u EFSD+), li se jwassal għal żieda ulterjuri tas-CPF.

L-assi tas-CPF bħalissa huma investiti f'konformità mal-Linji Gwida dwar il-Ġestjoni tal-Assi bl-għan li jipprovdu preservazzjoni tal-kapital matul il-perjodu ta' investiment tiegħu. Il-portafoll huwa magħmul minn strumenti tas-suq monetarju denominati f'euro, titoli ta' introjtu fiss denominati f'Euro u Dollaru Amerikan.

Iż-żieda qawwija bla preċedent u mhux mistennija fir-rati tal-imgħax wasslet għal tnaqqis tal-valur tas-suq tal-portafoll tas-CPF fl-2022 ta' madwar 8,8 %, prinċipalment minħabba telf ta' valutazzjoni mhux realizzat.

Madankollu, fuq terminu itwal, jenħtieġ li r-rati tal-imgħax ogħla jipprovdu l-pedament għal redditu pożittiv sostnut fuq l-investiment u jqiegħdu lis-CPF f'pożizzjoni tajba biex jirkupra porzjon kbir tal-valur mitluf matul is-snin li ġejjin.

Sabiex tkompli ttejjeb il-profil ta' redditu / riskju fit-tul tas-CPF, fl-2022 il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq id-diversifikazzjoni tal-assi u inkorporat skoperturi żgħar ta' ekwità fil-parametru referenzjarju tas-CPF. Il-parametru referenzjarju tas-CPF ġie aġġornat ukoll biex jiġi żgurat fokus aktar b'saħħtu tal-ASG (Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza) tal-portafoll[37].

*(b) Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-Garanziji baġitarji*

Bħala rimarka preliminari, il-garanziji baġitarji tal-UE jistgħu jvarjaw sostanzjalment f'termini tal-objettivi ta' politika u l-profil tar-riskju tal-operazzjonijiet sottostanti appoġġati taħt programm speċifiku. Dan imbagħad jista' jwassal għal livell ta' proviżjonament differenti, għal kull programm, ibbażat fuq valur fir-riskju (Value-at-Risk, VaR)[38] tul il-ħajja f'ċertu perċentwal (predefinit) ta' livell ta' fiduċja biex tiġi żgurata kopertura xierqa tat-telf potenzjali. Minkejja l-fatt li f'xi każijiet id-dispożizzjonijiet disponibbli fi tmiem l-2022 kienu kemxejn aktar baxxi mill-VaRs rispettivi bil-livell ta' fiduċja applikabbli, il-konklużjoni tal-adegwatezza tal-proviżjonament hija sostnuta minn diversi elementi inkluża l-fażi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-garanzija (kostitwita bis-sħiħ jew mhux kostitwita bis-sħiħ), il-fatt li l-valuri tas-suq tas-CPF kienu affettwati minn telf ta' natura mhux realizzata, u għall-ELM ir-regoli speċifiċi ta' proviżjonament.

[36] Fl-2022, is-CPF irċieva EUR 3,26 biljun f'kontribuzzjonijiet netti.

[37] Għal informazzjoni addizzjonali ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fond ta' proviżjonament komuni fl-2022.

[38] Il-Valur fir-Riskju jista' jiġi definit bħala l-livell ta' telf tal-portafoll li, statistikament, fuq ċertu perjodu ta' żmien, ma jinqabiżx b'ċertu livell ta' fiduċja. Il-livelli ta' fiduċja rispettivi għall-programmi interni (FEIS / InvestEU) u għall-programmi esterni (EFSD, EFSD+) – 95 % u 90 % rispettivament - iqisu fatturi bħall-objettivi ta' politika differenti, id-daqsijiet relattivi tagħhom u l-oqfsa rispettivi.

Huwa possibbli li jinsiltu l-konklużjonijiet li ġejjin mid-*data* disponibbli dwar it-telf nett tul il-ħajja fil-31 ta' Diċembru 2022 dwar il-garanziji baġitarji fis-seħħ f'dik id-data[39]:

- Għall-FEIS, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju mwettqa abbażi ta' mudell tar-riskju ta' kreditu għall-operazzjonijiet ta' dejn tal-Infrastruttura u l-Innovazzjoni u fuq ġudizzju espert għall-ekwità u l-prodotti tad-dejn tat-Tieqa għall-SMEs, jindikaw ammont VaR ta' EUR 8 977 800 000 f'livell ta' fiduċja tul il-ħajja ta' 95 %. Dan l-ammont huwa ġeneralment konformi mal-valur tas-suq tal-kompartiment tas-CPF tal-FEIS (EUR 8 570 691 859) b'mod partikolari meta jitqies li l-kompartiment tas-CPF tal-FEIS se jirreġistra d-dħul[40] fl-2023 u li l-kompartiment tas-CPF tal-FEIS - minħabba ż-żieda fir-rati tal-imgħax fis-swieq - iffaċċja telf fl-2022 iżda ta' natura mhux realizzata;
- fir-rigward tal-EFSD, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju jindikaw ammont ta' VaR tul il-ħajja ta' EUR 766 824 213 fil-livell ta' fiduċja fil-mira ta' 90 %. Dan l-ammont huwa kemxejn ogħla mill-valur tas-suq tal-kompartiment tas-CPF tal-EFSD minn tmiem l-2022 (EUR 728 175 822) fejn il-kompartiment tas-CPF tal-EFSD irrapporta total ta' telf fil-valutazzjoni mhux realizzat ta' madwar EUR 75 miljun. L-EFSD għadu fil-fażi ta' irrankar;
- fir-rigward tal-ELM, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju jindikaw ammont ta' VaR tul il-ħajja ta' EUR 3 863 044 953 fil-livell ta' fiduċja ta' 90 %. Dan jaqbeż il-proviżjonament korrispondenti fil-kompartiment tas-CPF (fil-31 ta' Diċembru 2022, il-parti pro-rata tal-ELM tal-kompartiment tal-GFEA kienet tammonta għal EUR 2 118 601 769). Innota li l-ELM huwa strument antik mingħajr livell ta' fiduċja definit minn qabel li jsegwi regoli speċifiċi ta' proviżjonament mhux biżżejjed u ta' proviżjonament żejjed. Il-kompartiment tal-GFEA (li fih jinżamm l-ELM) jiżdied fuq bażi annwali f'każ li l-proviżjonament jaqa' taħt id-9 % tal-ammonti żborżati pendenti garantiti. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitfakkar li l-ELM jikkonsisti fl-amortizzazzjoni ta' self b'perjodi twal ta' ripagament, fejn it-telf għandu t-tendenza li jikkristallizza ruħu b'mod mhux f'daqqa. Barra minn hekk, il-proviżjonament għal self bi skop ġdid biex jappoġġa lill-Ukrajna huwa stabbilit għal 70 % u se jitħallas f'kompartiment ta' proviżjonament delimitat matul is-snin li ġejjin.

*(c) valutazzjoni tas-sostenibbiltà ta' self proviżjonat lil pajjiżi terzi*

Il-kompożizzjoni tal-portafoll tas-self tal-AMF pendenti lil pajjiżi terzi tinkludi self lil sett diversifikat ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE, pajjiżi u territorji koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u pajjiżi terzi oħra li għandhom rwol determinanti fl-istabbiltà reġjonali u li huma ta' importanza strateġika għall-Unjoni, u huma politikament, ekonomikament, u ġeografikament qrib l-Unjoni. L-ammonti ta' proviżjonament disponibbli għall-iskoperturi differenti tal-AMF, f'konformità mar-rata skont l-atti leġiżlattivi rilevanti li jistabbilixxu s-self, jidhru adegwati meta jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- in-nuqqas ta' inadempjenza fil-pagament fis-sena ta' rapportar 2022 kif ukoll fis-snin preċedenti;
- l-aġġustament tal-livelli ta' proviżjonament biex jirriflettu riskji ogħla speċifiċi għall-pajjiż bħal bl-AMF 1 u 2 tal-Ukrajna;
- l-istruttura tal-maturitajiet tas-self relatat mal-pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja li huma raġonevolment mifruxa sew fuq il-QFP attwali u l-MFFs sussegwenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-impatt ta' kwalunkwe nuqqas mill-benefiċjarji tas-self li jħallsu

[39] Għall-EFSD+ u InvestEU, li għadhom fil-fażi tal-bidu, ir-rapportar formali dwar il-proviżjonament u l-livell ta' riskju tal-operazzjonijiet garantiti meta mqabbel mal-aptit għar-riskju *ex ante* se jibda mis-sena d-dieħla.
[40] Għall-informazzjoni, fl-2022, id-dħul ammonta għal EUR 382 miljun.

lura l-ammonti dovuti lill-UE jinfirex maż-żmien u jista' jiġi akkomodat permezz ta' dispożizzjonijiet disponibbli;

- Ir-rabta bejn is-self tradizzjonali tal-AMF u l-programmi tal-FMI u l-valutazzjoni relatata tas-sostenibbiltà tad-dejn. L-iżborż tal-pagamenti parzjali tas-self tal-MFA jiddependi fuq rekord sodisfaċenti fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi, li jfittxu li jiżguraw il-vijabbiltà finanzjarja tal-pajjiż terz u, b'hekk, ir-ripagament tal-fondi tal-Unjoni. Għas-self riċenti tal-AMF tal-Ukrajna, in-nuqqas ta' rekwiżit formali ta' programm tal-FMI huwa kkumpensat minn relazzjoni ta' ħidma mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Ukrajna dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom, fokus qawwi kontinwu fuq is-sostenibbiltà tad-dejn tal-Ukrajna u li jkun akkumpanjat minn livell għoli ta' proviżjonament u l-kopertura baġitarja addizzjonali rispettiva għal dan is-self speċifiku.

  Fl-istess ħin, l-Ukrajna bbenefikat mill-appoġġ tal-FMI matul il-perjodu ta' disponibbiltà tal-operazzjonijiet eċċezzjonali tal-AMF fil-forma ta' żborż kemm taħt it-Tieqa għal Xokkijiet Alimentari tal-Istrument ta' Finanzjament Rapidu f'Ottubru 2022, kif ukoll l-approvazzjoni f'Diċembru 2022 tal-Programm ta' Monitoraġġ ta' Involviment tal-Bord (PMB) li mhux wieħed ta' żborż. Il-konklużjoni b'suċċess tal-PMB kienet pass importanti lejn l-approvazzjoni f'Marzu 2023 tal-arranġament ta' finanzjament ("sħiħ") skont il-Faċilità ta' Fond Estiża (Extended Fund Facility, EFF).

**Kaxxa 1: Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE li jirriżultaw mill-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-Ukrajna – Żviluppi ewlenin fl-2022-23**

Minn meta faqqgħet il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata li bdiet mir-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE impenjat ruħha li tappoġġa bil-qawwa u bis-sħiħ lill-Ukrajna billi tipprovdi appoġġ politiku, ekonomiku, militari, finanzjarju u umanitarju b'saħħtu lill-Pajjiż. L-iżborżi l-ġodda tal-AMF tal-2022, li jammontaw għal EUR 7,2 biljun, kienu vitali biex tinżamm l-istabbiltà makroekonomika fil-pajjiż (EUR 1,2 biljun fl-ewwel trimestru u EUR 6 biljun aktar tard fis-sena)[41]. L-appoġġ finanzjarju lill-pajjiż ingħata wkoll permezz tal-portafoll ELM tal-BEI permezz tal-għoti ta' skop ġdid ta' self mhux żborżat għal ammont totali ta' EUR 2,28 biljun (EUR 0,69 biljun f'Marzu 2022 u EUR 1,59 biljun li għandhom jiġu żborżati kompletament sa tmiem l-2023) kif ukoll EUR 120 miljun f'self tal-BERŻ parzjalment garantit mill-EFSD.

Minħabba r-riskji eċċezzjonali assoċjati mal-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna fil-kuntest tal-gwerra, l-AMF eċċezzjonali ta' EUR 6 biljun u l-EUR 1,59 biljun f'self bi skop ġdid skont l-ELM huma soġġetti għal kopertura baġitarja ta' 70 %. Filwaqt li għas-self tal-ELM bi skop ġdid, il-kopertura se tieħu l-forma ta' proviżjonament imħallas iffinanzjat mill-Baġit tal-UE, l-istess effett jinkiseb għall-AMF eċċezzjonali billi tinżamm ir-rata ta' proviżjonament imħallsa fil-livell ta' 9 % u tiġi ssupplimentata b'garanziji mill-Istati Membri li jkopru t-tieni biċċa ta' telf ta' 61 % tal-iskoperturi tas-self.

F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni AMF II, il-Kummissjoni rrieżaminat l-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament ta' 70 % fl-aħħar ta' Ġunju 2023 u kkonkludiet

[41] EUR 1,2 biljun ta' AMF ta' emerġenza ġew żborżati f'Marzu u Mejju (Ara d-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna fil-ĠU L 55, 28.2.2022, p. 4-11). EUR 1 biljun oħra ta' AMF eċċezzjonali (AMF I) ġew żborżati fil-bidu ta' Awwissu. F'Ottubru-Diċembru 2022 ġiet żborżata AMF straordinarja addizzjonali (MFAII) ta' EUR 5 biljun lill-Ukrajna wara deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew fl-20 ta' Settembru 2022.

għall-perjodu taħt eżami, li ma kienx hemm biżżejjed elementi dejjiema u sinifikanti ġodda li jiġġustifikaw bidla fir-rata ta' proviżjonament ta' 70 %[42].

L-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-Ukrajna kompla fl-2023. Fid-data tal-kitba, l-Ukrajna kienet irċeviet EUR 15-il biljun addizzjonali żborżati mill-pakkett tal-AMF+ ta' EUR 18 biljun adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-14 ta' Diċembru 2022[43].

Dan l-ammont ġab l-iskoperturi **diretti** għall-Ukrajna għal-livell ta' EUR 26,9 biljun, li minnhom EUR 4,7 biljun (self tal-MFA ta' legat u tal-Euratom) appoġġati mill-kompartiment tal-GFEA, EUR 1,2 biljun (AMF ta' emerġenza) mill-AMF ta' wara l-2020, EUR 6 biljun (AMF I u II eċċezzjonali) mill-kompartiment eċċezzjonali tal-AMF, u EUR 15-il biljun (self tal-AMF+) mill-baġit tal-UE "marġni ta' manuvra" (li jimplika l-ebda proviżjonament fis-CPF).

Fl-istess ħin, fi tmiem l-2022, il-portafoll kopert skont l-ELM (jiġifieri l-iskoperturi **indiretti**) kien fih ukoll self legat żborżat Ukren ta' EUR 2,5 biljun. EUR 1,1 biljun addizzjonali ta' skoperturi tal-ELM (mill-pakkett ta' "self bi skop ġdid" ta' EUR 1,59 biljun ta' Lulju 2022) se jiġu appoġġati minn kompartiment iddedikat tas-CPF (b'rata ta' proviżjonament applikabbli ta' 70 %). Skopertura addizzjonali tal-UE ta' EUR 74 miljun kienet pendenti fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa skont il-garanzija tal-EFSD.

Barra minn hekk, mill-ewwel nofs tal-2023, l-UE żiedet l-esponiment tagħha għall-Ukrajna billi ppermettiet sa EUR 100 miljun ta' self ġdid tal-BEI lill-Ukrajna skont il-Fond EU4Ukraine proviżjonat b' 70 % skont l-EFSD+, kif ukoll billi appoġġat lis-settur privat tal-Ukrajna permezz tal-Programm ta' Garanzija għal Self Żgħir bl-IFC, li jkopri skont l-EFSD 50 % tal-portafoll aggregat ta' EUR 97,2 miljun ta' operazzjonijiet fl-Ukrajna.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni pproponiet appoġġ finanzjarju addizzjonali fit-tul lill-Ukrajna fil-kuntest tal-proposta tagħha għar-rieżami / reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021-2027 adottata fl-20 ta' Ġunju 2023. B'mod partikolari, biex taqdi l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-pajjiż sal-2027, il-Kummissjoni pproponiet il-ħolqien ta' strument integrat u flessibbli, il-Faċilità tal-Ukrajna, b'kapaċità globali sa EUR 50 biljun għall-2024-27. L-appoġġi se jingħataw fil-forma ta' self, għotjiet u garanziji[44].

### 3.3 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra

Il-kapaċità tal-baġit tal-UE li jipprovdi għal sitwazzjoni fejn l-iskopertura fir-rigward ta' obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra timmaterjalizza tiġi vvalutata bl-applikazzjoni tal-qafas imsemmi fil-paragrafu 3.1 hawn fuq.

Fir-rigward tal-obbligazzjonijiet tal-NGEU, il-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji żdied b' 0,6 % tal-ING tal-UE esklużivament biex jiggarantixxi dan il-ħruġ. Dan jiżgura li l-UE jkollha l-mezzi biex tħallas lura l-imgħax u l-kapital fuq id-dejn maħruġ biex tiffinanzja appoġġ mhux rimborsabbli tal-NGEU (għotjiet tal-RRF) u self mill-RRF lill-Istati Membri. Peress li tal-ewwel se jitħallsu permezz ta' ammonti inklużi fl-ipprogrammar baġitarju

[42] SWD (2023) 264 tat-18 ta' Lulju 2023.

[43] Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja+) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1-14).

[44] Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Rieżami ta' Nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 (COM(2023) 336 final tal-20.6.2023) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna (COM(2023) 338 final final tal-20.6.2023).

annwali futur, is-self mill-RRF biss jirrappreżenta obbligazzjonijiet kontinġenti. Għalhekk, il-marġni ta' manuvra huwa kkalkolat inkluż l-obbligazzjonijiet totali tal-NGEU, iżda l-analiżi tas-sensittività rrapportata f'din it-taqsima tiffoka speċifikament fuq il-materjalizzazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self taħt l-RRF, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 210(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ewwel pass huwa li jiġi stabbilit xenarju ċentrali (linja bażi) li jikkorrispondi għall-evoluzzjoni mistennija tal-infiq u l-kapaċità finanzjarja tal-UE fis-snin sal-2027 f'konformità mar-rapport ta' previżjoni fit-tul dwar in-nefqa tal-baġit u l-ħtiġijiet tad-dħul (l-Illustrazzjoni 3 hawn taħt)[45]. Minbarra s-sena baġitarja attwali, il-marġni ta' manuvra disponibbli biex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kontinġenti eżistenti u ġodda fl-2024-2027 huwa bħala medja ta' madwar **EUR 97,4 biljun** fis-sena fir-rigward tal-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1,40 % tal-ING tal-UE u madwar **EUR 109,1 biljun** kull sena għal-limitu massimu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE.

Ladarba jkun ġie stabbilit ix-xenarju ċentrali, testijiet addizzjonali jivvalutaw is-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti eżistenti f'xenarji estremi fl-2023–2027.

1) **Test tal-istress fuq l-ekonomija.** Fix-xenarju ċentrali, l-ING isegwi l-projezzjonijiet tal-prodott domestiku gross (PDG) għat-tkabbir u l-inflazzjoni reali skont il-previżjoni ekonomika tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni[46]. Għat-test tas-sensittività, ir-rati ta' tkabbir nominali proġettati huma inqas mil-linja bażi b'punt perċentwali għal kull sena tal-perjodu rrapportat[47]. Dan inaqqas il-valur nominali tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji u għalhekk il-marġni ta' manuvra disponibbli b'**EUR 6,5 biljun** fis-sena għall-ammonti "mhux ibbaġitjati" (marġni ta' manuvra) taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji u b'**EUR 2,8 biljun** taħt il-limitu massimu temporanju għall-NGEU.

2) **Test tal-istress fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit.** Dan ix-xenarju estrem jivvaluta jekk il-marġni ta' manuvra disponibbli jkunx biżżejjed jekk l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha garantiti b'marġni ta' manuvra jimmaterjalizzaw fl-istess ħin. F'termini prattiċi, dan ikun ifisser li l-Istati Membri kollha li jibbenefikaw minn programmi ta' assistenza finanzjarja fl-istess ħin jonqsu milli jonoraw il-ħlasijiet lura tagħhom meta jsiru dovuti[48]. L-ammonti inkwistjoni jirriflettu l-iskedi ta' pagament lura fi tmiem l-2022 (ara t-Tabella 4 hawn fuq). Dan huwa xenarju estremament improbabbli li ma jqisx il-miżuri kollha li l-Kummissjoni tista' tieħu biex tevita sitwazzjoni bħal din (eż. l-iskedar mill-ġdid tad-dejn u l-ġestjoni attiva tal-flus kontanti). F'dan ix-xenarju, il-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji jitnaqqas b'**EUR 4,3 biljun**. L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mis-self tal-RRF skont NextGenerationEU jkunu żgħar matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (**madwar EUR 0,6 biljun** fis-sena f'pagamenti tar-rata tal-imgħax), peress li r-ripagament tal-ammont prinċipali tas-self mill-RRF se jibda biss fl-2032.

3) **Test tal-istress fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit.** F'dan ix-xenarju, li jikkonċerna l-QFP, in-nefqa hija pproġettata sal-massimu teoretiku tiegħu (jiġifieri l-limiti massimi possibbli għall-pagamenti tal-QFP u l-istrumenti speċjali individwali kollha). Huwa

[45] Fl-20 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (COM(2023) 336) li, ladarba tiġi adottata, timmodifika l-profil tal-infiq tal-UE sal-2027. Peress li, fiż-żmien tal-kitba, in-negozjati għadhom għaddejjin, l-impatt tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP mhuwiex inkluż f'din l-analiżi. Madankollu, minħabba d-daqs immirat tal-pakkett u d-daqs tal-marġni ta' manuvra disponibbli, il-konklużjonijiet tar-rapport ma jiġux affettwati.

[46] https://economy-finance.ec.europa.eu/system/files/2023-05/ip200_en_1.pdf.

[47] Dan huwa simili għat-test tal-istress dwar ix- "xenarju negattiv r-g" imwettaq fil-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni: https://economy-finance.ec.europa.eu/system/files/2023-06/ip199_en_UPD.pdf.

[48] Peress li r-rapport janalizza s-sitwazzjoni mill-31.12.2022, l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mal-AMF+ lejn l-Ukrajna mhumiex inklużi fl-analiżi.

importanti li jiġi enfasizzat li dan ma jirriflettix previżjoni minn isfel għal fuq u mhuwiex relatat ma' xi aspettattivi reali rigward l-evoluzzjoni tal-pagamenti tal-UE u li fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit, kwalunkwe deċiżjoni biex jiżdied l-infiq (fil-limiti massimi tal-QFP) teħtieġ proposta mill-Kummissjoni u l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Fir-rigward tan-nefqa baġitarja biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' ripagament għall-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU, ma hemm l-ebda limitu massimu speċifiku għan-nefqa fil-QFP 2021-2027[49]. Għalhekk, fir-rigward tar-ripagamenti tad-dejn tal-NGEU, is-suppożizzjoni f'dan it-test tal-istress hija li l-ħruġ kollu tal-NGEU li jimmatura f'sena partikolari jitħallas lura. Ir-riporti tad-dejn ippjanati mhumiex għalhekk ikkunsidrati f'din is-sitwazzjoni ipotetika[50]. Dan it-test tal-istress juri li l-marġni ta' manuvra huwa biżżejjed fix-xenarju fejn in-nefqa tilħaq il-massimu teoretiku. Il-marġni ta' manuvra li jirriżulta taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji jkun ta' **EUR 81,3 biljun** bħala medja, jiġifieri **EUR 16,1 biljun** inqas mil-linja bażi. Il-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji ta' 0,6 % tal-ING tal-UE li jiggarantixxi l-ħruġ tal-NGEU jitnaqqas b'medja ta' **EUR 9,8 biljun** fis-sena, għal livell ta' **EUR 99,3 biljun bħala medja** matul il-perjodu 2024-2027.

4) **Test tal-istress ikkombinat fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi, id-dħul u n-nefqa.** Dan huwa xenarju estrem li jikkombina x-xenarji sfavorevoli kollha deskritti fit-tliet punti ta' hawn fuq. Dan inaqqas il-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti għal medja ta' **EUR 70,6 biljun** matul il-perjodu 2024-2027 u għal-limitu massimu temporanju għal **EUR 96,0 biljun**. Dan l-ammont jidher li jikkostitwixxi bafer kbir ta' sikurezza għall-kapaċità finanzjarja tal-UE biex tkopri l-obbligazzjonijiet tagħha (li jirriżultaw kemm minn operazzjonijiet mhux tal-NGEU kif ukoll minn dawk tal-NGEU) anke fil-każ ta' xokkijiet ekonomiċi profondi, aktar nefqiet baġitarji u l-ħolqien possibbli ta' obbligazzjonijiet kontinġenti ġodda.

Ir-riżultati dettaljati għax-xenarji tat-test tal-linja bażi u ta' stress huma pprovduti fl-Anness.

**Illustrazzjoni 3: Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u l-ħtiġijiet tar-riżorsi proprji skont test bażi u testijiet ikkombinati tas-sensittività għal-limitu massimu permanenti ta' 1,4 % tal-ING tal-UE.**

[49] L-Artikolu 5(2) tad-DRP jillimita l-ħlas lura mill-UE tal-kapital tal-fondi mislufa fis-swieq kapitali għal NextGenerationEU f'sena partikolari għal 7.5 % ta' EUR 390 biljun fi prezzijiet tal-2018 (jiġifieri EUR 29.25 biljun fi prezzijiet tal-2018).

[50] L-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mas-self tal-RRF jitnaqqsu mill-obbligi tal-NGEU li jimmaturaw f'dan it-test tal-istress. Dan għaliex it-test tal-istress jiffoka fuq in-naħa tan-nefqa u mhux fuq in-naħa tad-dħul bħala test tal-istress 2).


EUR billion
250
200
150
100
50
0
2024
2025
2026
2027
Own resources ceiling 1.4% EU GNI under GNI stress test
Extraordinary own resources under revenue stress test
Additional own resources under expenditure stress test
Own resources to finance the budget (excl. NGEU)
Own resources ceiling 1.4% GNI (baseline)

**Illustrazzjoni 4: Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u l-ħtiġijiet tar-riżorsi proprji skont test bażi u testijiet ikkombinati tas-sensittività għal-limitu massimu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE.**




## 4. Konklużjonijiet

Fi tmiem l-2022, il-baġit tal-UE inkluda aktar minn **EUR 206 biljun** (EUR 15,3 biljun għal Stati li Mhumiex Membri u EUR 190,7 biljun għall-Istati Membri) f'obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self mogħti lill-Istati Membri u pajjiżi terzi, u minn **EUR 106 biljun** fir-rigward tal-garanziji pprovduti fil-kuntest tal-FEIS, l-InvestEU, l-EFSD, l-EFSD+ u l-ELM.

Ir-riskji li dan is-self ma jitħallasx lura mill-pajjiżi benefiċjarji jew li jissejħu l-garanziji, jiġu ġestiti bir-reqqa permezz ta' qafas komprensiv ta' ġestjoni tar-riskju li jinkludi, għal ċerti kategoriji ta' obbligazzjonijiet kontinġenti, l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġi kopert it-telf potenzjali b'livell ta' fiduċja konservattiv biżżejjed.

Meta jitqiesu s-salvagwardji multipli pprovduti fil-qafas tal-UE għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskji marbuta kemm mal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati kif ukoll ma' dawk garantiti b'marġni ta' manuvra u l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ppreżentata f'dan ir-rapport, huwa possibbli li jinsiltu diversi konklużjonijiet.

- Ir-riskji li jirriżultaw minn strumenti proviżjonati (jiġifieri garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi) huma ġestiti bir-reqqa u proviżjonati b'mod adegwat. Din il-valutazzjoni tqis l-akkumulazzjoni ta' pożizzjonijiet ta' riskju fil-passat; data dwar inadempjenzi tal-passat u telf mistenni; il-miżuri li huma fis-seħħ biex jiżguraw li t-telf ma jaqbiżx il-livelli ta' tolleranza predefiniti; u d-dispożizzjonijiet baġitarji li huma disponibbli biex ikopru t-telf potenzjali.
- Il-kapaċità finanzjarja tal-UE skont il-qafas legali eżistenti (jiġifieri d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji u r-Regolament QFP) hija biżżejjed sew biex tkopri l-materjalizzazzjoni ta' telf li jista' jirriżulta fir-rigward ta' self garantiti b'marġni ta' manuvra bejn issa u tmiem l-2027. Bħala medja matul il-perjodu 2024-2027, il-marġni ta' manuvra disponibbli biex jiġu koperti dawn l-obbligazzjonijiet kontinġenti fl-2024-2027 huwa ta' madwar **EUR 97,4 biljun** fis-sena fir-rigward tal-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1,40 % tal-ING tal-UE u madwar **EUR 109,1 biljun** kull sena għal-

limitu massimu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE. Dan il-marġni ta' manuvra jista' jissejjaħ biex jissodisfa sejħiet straordinarji ta' dħul biex jiffinanzja nefqa mhux prevista jew biex jonora kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti eżistenti u potenzjali jekk dawn jimmaterjalizzaw.

- **Il-marġni ta' manuvra għandu riżorsi tajbin biex jiżgura r-robustezza tas-sistema finanzjarja tal-UE u l-affidabbiltà kreditizja tagħha anke f'xenarju negattiv estrem** li jikkombina impatti negattivi fir-rigward tal-kundizzjonijiet ekonomiċi, id-dħul u n-nefqa. F'xenarju negattiv bħal dan, il-marġni ta' manuvra rimanenti taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1,40 % tal-ING tal-UE jammonta għal medja ta' **EUR 70,6 biljun** fis-sena matul il-perjodu 2024-2027 u għal **EUR 96,0 biljun** bħala medja fis-sena matul il-perjodu 2024-2027 taħt il-limitu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE. Dawn l-ammonti jirrappreżentaw riżerva ta' sikurezza kontra xokkijiet ekonomiċi negattivi ulterjuri, inizjattivi ġodda ta' nfiq u obbligazzjonijiet kontinġenti kemm għall-operazzjonijiet mhux tal-NGEU kif ukoll għall-NGEU.

**Anness:**

**Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji** (f'EUR biljun, fi prezzijiet attwali)

| | | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Linja bażi** | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING) | a | 247,76 | 258,36 | 268,70 | 278,98 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU) | b | 133,18 | 159,31 | 186,62 | 184,95 |
| Marġni ta' manuvra skont limitu massimu permanenti | a-b | 114,58 | 99,05 | 82,09 | 94,03 |
| **Simulazzjoni ta' kriżi** | | | | | |
| (1) Test tal-istress fuq l-ekonomija | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING) | a | 245,34 | 253,34 | 260,91 | 268,23 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU) | b | 133,18 | 159,31 | 186,62 | 184,95 |
| Marġni ta' manuvra | a-b | 112,16 | 94,03 | 74,29 | 83,28 |
| (2) Test tal-istress fuq id-dħul | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING) | a | 247,76 | 258,36 | 268,70 | 278,98 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU) | b | 133,18 | 159,31 | 186,62 | 184,95 |
| Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru s-CLs li mhumiex tal-NGEU* | c | 3,34 | 3,28 | 6,86 | 3,58 |
| Marġni ta' manuvra | a-b-c | 111,24 | 95,77 | 75,23 | 90,45 |
| (3) Test tal-istress fuq in-nefqa | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING) | a | 247,76 | 258,36 | 268,70 | 278,98 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU) | b | 133,18 | 159,31 | 186,62 | 184,95 |
| Riżorsi proprji addizzjonali (sal-limitu massimu tal-QFP, u l-massimu tal-istrumenti speċjali)** | c | 29,72 | 21,24 | 2,34 | 11,08 |
| Marġni ta' manuvra | a-b-c | 84,86 | 77,81 | 79,75 | 82,95 |
| (4) Xokk negattiv / mhux favorevoli kkombinat | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING) | a | 245,34 | 253,34 | 260,91 | 268,23 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU) | b | 133,18 | 159,31 | 186,62 | 184,95 |
| Riżorsi proprji addizzjonali (sal-limitu massimu tal-QFP, u l-massimu tal-istrumenti speċjali) | c | 29,72 | 21,24 | 2,34 | 11,08 |
| Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru s-CLs li mhumiex tal-NGEU | d | 3,34 | 3,28 | 6,86 | 3,58 |
| Marġni ta' manuvra | a-b-c-d | 79,10 | 69,52 | 65,10 | 68,62 |

** Il-valutazzjoni tar-riskju marbuta mal-istrument SURE tqis il-kontrogaranzija speċifika pprovduta mill-Istati Membri kollha għal 25 % tal-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja. Fil-prattika, il-pagamenti annwali kollha fir-rigward tas-self ta' SURE jistgħu jiġu esklużi mir-riskju annwali għas-snin koperti fil-perjodu taħt eżaminazzjoni, minħabba li l-ammonti li jkunu dovuti huma koperti bis-sħiħ mill-garanziji tal-Istati Membri.*

*** In-nefqa hija pproġettata fil-massimu teoretiku: (1) il-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP fl-2024-2027[51], (2) aġġustamenti futuri sal-massimu potenzjali tagħhom fi kwalunkwe sena[52], u (3) il-limiti massimi annwali tal-istrumenti tematiċi speċjali (il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza, u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit) u l-Istrument ta' Flessibbiltà*

[51] Kif stabbilit fl-aktar aġġustament tekniku reċenti tal-QFP (COM (2023)320 final tas-6.6.2023).

[52] Fir-rigward tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 5 l-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament QFP (sal-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 11(3) tal-istess Regolament u filwaqt li jitqiesu biss l-aġġustamenti 'l fuq possibbli).

**Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji** (f'EUR biljun, fi prezzijiet attwali)

| | | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Linja bażi** | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING) | a | 106,18 | 110,73 | 115,16 | 119,56 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU | b | 3,87 | 2,68 | 3,75 | 4,99 |
| Marġni ta' manuvra | a-b | 102,31 | 108,04 | 111,41 | 114,58 |
| **Simulazzjoni ta' kriżi** | | | | | |
| (1) Test tal-istress fuq l-ekonomija | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING) | a | 105,15 | 108,57 | 111,82 | 114,96 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU | b | 3,87 | 2,68 | 3,75 | 4,99 |
| Marġni ta' manuvra | a-b | 101,28 | 105,89 | 108,07 | 109,97 |
| (2) Test tal-istress fuq l-introjtu | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING) | a | 106,18 | 110,73 | 115,16 | 119,56 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU | b | 3,87 | 2,68 | 3,75 | 4,99 |
| Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru s-CLs tal-NGEU (rimborżi tas-self tal-NGEU dovuti) | c | 0,55 | 0,55 | 0,55 | 0,55 |
| Marġni ta' manuvra | a-b-c | 101,76 | 107,49 | 110,86 | 114,02 |
| (3) Test tal-istress fuq in-nefqa | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING) | a | 106,18 | 110,73 | 115,16 | 119,56 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU | b | 3,87 | 2,68 | 3,75 | 4,99 |
| Riżorsi proprji addizzjonali għall-NGEU (ħruġ li jimmatura, bl-esklużjoni tas-CLs u l-ammonti bbaġitjati) | c | 0,00 | 11,25 | 18,95 | 8,95 |
| Marġni ta' manuvra | a-b-c | 102,31 | 96,79 | 92,46 | 105,63 |
| (4) Xokk negattiv / mhux favorevoli kkombinat | | | | | |
| Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING) | a | 105,15 | 108,57 | 111,82 | 114,96 |
| Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU | b | 3,87 | 2,68 | 3,75 | 4,99 |
| Riżorsi proprji addizzjonali għall-NGEU (ħruġ li jimmatura, bl-esklużjoni tas-CLs u l-ammonti bbaġitjati) | c | 0,00 | 11,25 | 18,95 | 8,95 |
| Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru s-CLs tal-NGEU | d | 0,55 | 0,55 | 0,55 | 0,55 |
| Marġni ta' manuvra | a-b-c-d | 100,72 | 94,09 | 88,56 | 100,47 |

.